**Stqarrija Ministerjali mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, dwar il-maltemp li laqat lill-pajjiż bejn id-19 u l-20 ta' Jannar 2026, magħmula fis-Seduta 425 tal-20 ta' Jannar 2025**

Sur President, kif kien imbassar, fl-aħħar 24 siegħa pajjiżna ntlaqat minn temp estrem, bi rjiħat li saħansitra kienu jlaħħqu l-forza disgħa.

Dawn it-twissijiet li kien qed ikollna lbieraħ mill-Uffiċċju Meteoroloġiku, li kien qed jikkordina mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, wasslu biex indirizzajna konferenza tal-aħbarijiet bil-għan li nappellaw b'mod qawwi biex kulħadd jieħu l-prekawzjonijiet li jista' jieħu, filwaqt li ħabbarna wkoll numru ta' passi ta' prekawzjoni li ttieħdu mill-awtoritajiet u minn diversi entitajiet. Dan filwaqt li spjegajt kif il-forzi dixxiplinati kienu mħejjija biex jassistu għal kull eventwalità. Magħhom ingħaqdu diversi entitajiet, fosthom tas-saħħa u ħaddiema oħrajn li diffiċli nsemmihom kollha.

U għalhekk irrid nibda mill-ewwel b'ringrazzjament lill-ħaddiema tagħna li ma waqfux, lejl u nhar, jassistu, anke f'ċirkostanzi mill-aktar diffiċli għalihom. Grazzi wkoll lil dawk l-eluf li żammew għaddejjin servizzi essenzjali. Ilbieraħ filgħaxija hekk kif il-maltemp beda jolqot il-gżejjer tagħna, flimkien mal-Prim Ministru Robert Abela morna fuq il-post fejn l-uffiċjali kienu għaddejjin b'ħidma biex f'isem il-poplu Malti u Għawdxi mhux biss nirringrazzjawhom imma nagħtuhom il-kuraġġ qabel sigħat twal ta' ħidma diffiċli hekk kif dak il-ħin il-maltemp konna nafu li fis-sigħat ta' wara kien se jkun wieħed aktar diffiċli.

Ħidma li jagħmluha kuljum imma ovvjament f'ċirkostanzi bħal dawn, li jaffettwaw tista' tgħid lil kulħadd, f'kundizzjonijiet li kulħadd jista' jara x'inhuma, nifhmu iżjed l-importanza tagħhom u l-ħidma imprezzabbli li jwettqu. Bħalma nifhmu wkoll l-importanza ta' tant ħaddiema tas-servizz pubbliku, li tant nisimgħu dwarhom, imma li nsibuhom hemm dejjem fil-mument tal-prova. Għalhekk nestendi wkoll ir-ringrazzjament lill-ħaddiema kollha li llum assiguraw li s-servizzi essenzjali f'pajjiżna ssoktaw.

Ippermettili wkoll nirringrazzja lis-soċjetà Maltija u Għawdxija tal-koperazzjoni eċċellenti li stajna nosservaw f'dawn is-sigħat. Kien ċar li l-miżuri li tħabbru lbieraħ flimkien mal-messaġġi ta' prekawzjoni waslu għand is-soċjetà tagħna, u b'sodisfazzjon ninnota li ġew segwiti, fil-maġġoranza assoluta tagħhom, b'mod responsabbli. Nixtieq nirrimarka li filwaqt li rapporti ta' ħsarat kellna ħafna, kif ser nispjega, tal-inqas ma kienx hemm inċidenti maġġuri jew fatali b'rabta mal-maltemp.

Ukoll, irrid ngħid b'sodisfazzjon li anke n-numru ta' emerġenza 112 intuża b'mod responsabbli minn mijiet ta' persuni li ċemplu jew kellhom bżonn l-għajnuna.

F'dawn il-jumejn ta' maltemp, il-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati sas-2.00 p.m. tal-lum assistew kif ġej:

- Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili assista f'197 każ li jvarjaw minn siġar li waqgħu, jew li kienu f'periklu, periklu kkawżat b'billboards, hazards elettriċi, nirien ta' karozzi u skart, tixrid ta' fjuwil u inċidenti oħrajn.
- Il-Korp tal-Pulizija assista f'54 inċident li jvarjaw minn persuni maqbuda fil-karozza, karozzi li ġarrewhom l-ilmijiet, inċidenti marbuta ma' oġġetti, għamara, electrical cables u affarijiet oħrajn li spiċċaw mdendlin jew fit-toroq li kienu perikolużi, periklu marbut ma'

siġar li waqgħu fuq karozzi, kien hemm ukoll każijiet marbuta ma' materjal tal-kostruzzjoni, gallariji u anke ħġieġ imkisser.

- Il-Forzi Armati ta' Malta filwaqt li assistew lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'numru ta' inċidenti fejn tidħol ħidma marittima, jiġifieri marbuta primarjament ma' inċidenti fuq il-baħar, assistiet f'żewġ każijiet.
- Il-LESA, assistiet f'44 inċident ta' kollużjoni.

Irrid ngħid li qiegħed nillimita lili nnifsi għall-ħidma mwettqa mill-korpi dixxiplinati tagħna u mil-LESA għaliex jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, però kienet ikkumplimentata minn ħidma li saret minn diversi entitajiet oħra u minn mijiet u eluf ta' ħaddiema, kemm tal-Istat kif ukoll dawk illi jaħdmu fil-privat. Mhux ser insemmi setturi oħra b'isimhom għaliex napprezza lil kulħadd u ma' nixtieq nonqos lil ħadd.

Statistika oħra marbuta ma' miżuri ta' prekawzjoni li ħabbarna lbieraħ:
It-tfal kienu ser ikunu skużati jekk ma jmorrux l-iskola, kemm dawk tal-primarja kif ukoll tas-sekondarja. Minn informazzjoni li għaddielna l-Ministeru għall-Edukazzjoni, minn 26,908 student, illum attendew l-iskola 3,147 student. Dawn in-numri huma limitati għall-iskejjel tal-Gvern.
Minn informazzjoni li għaddietli l-Jobsplus, minn 6,276 u tifla li jattendu ċ-childcare, illum attendew 1,738.

Nagħlaq Sur President, billi finalment, irrid ukoll nuri solidarjetà mal-familji kollha affettwati, man-negozji li ġarrbu ħsarat kawża tal-maltemp. Bla dubju li ser jibqgħu jirċievu l-assistenza kollha meħtieġa.

L-aħħar informazzjoni li rċevew id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili mill-MET Office hija li skont il-previżjonijiet, il-maltempata mistennija tibqa' għaddejja sas-6.00 p.m. tal-lejla, mhux kif oriġinarjament kien maħsub sal-4.00 p.m., u wara se jonqsu għal forza 4 u mbagħad jibqgħu f'dawn il-livelli għat-tlett ijiem li ġejjin.

Fis-sigħat li ġejjin il-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati, flimkien ma' ħafna ħaddiema minn entitajiet oħra, se jkomplu jaraw li jġibu s-sitwazzjoni fil-pajjiż lura għan-normal.

Nibqa' nappella għar-responsabbiltà. Għad hemm perikli fit-toroq fil-kundizzjonijiet ta' bħalissa u għalhekk wieħed irid ikun attent u viġilanti. Bħalma avżaw anke d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili lbieraħ, qabel isir ċertu xogħol, speċjalment fil-għoli, xogħol li jista' jkun perikoluż, kulħadd għandu jassigura li l-maltemp għadda.

Nappella mill-ġdid ukoll għall-għaqal fl-użu tan-numru ta' emerġenza 112, imma nfakkar li dak qiegħed hemm bħala punt ta' referenza biex jintuża ħalli nibqgħu nassistu fejn meħtieġ f'kull każ li huwa ta' emerġenza u li huwa ta' importanza skont kif wieħed għandu juża l-112.